



# Tislima Mistħoqqa

minn Sammy Sammut



Kienet tislima tassew mistħoqqa meta nhar is-Sibt 3 ta' Frar 2018, il-President tar-Repubblika Marie-Louise Coleiro Preca kixfet il-bust ferm artistiku li l-1st Marsa Scout Group waqqaf f'Misraħ Gian Franġisk Abela f'ġieħ l-eks GSL George Camilleri u b'turija ta' apprezzament għad-dedikazzjoni u l-ħidma sfiqa li huwa wettaq matul karriera ta' sittin sena ta' Scouting, b'aktar minn 50 sena minnhom jagħmilhom imexxi l-Marsa Group.

Iċ-ċerimonja bdiet bid-daqq tal-Innu Malti mill-Marsa Scouts Pipes & Drums segwit b'kelmtejn ta' introduzzjoni mill-CSL Onor. Joe Galea li spjega kif din l-okkażjoni kienet waħda memorabbli mhux biss għall-Marsa Scout Group iżda tista' tgħid għall-Marsa kollha kif ukoll lil hinn minnha.

Tkellem ukoll il-GSL Alex Cutajar li rringrazzja lill-benefattur is-Sur Frans Carabott għax kien bis-saħħa tal-għajnuna finanzjarja tiegħu li seta' jsir dan il-bust maħdum b'reqqa u artistrija kbira mill-brunżar Joseph Chetcuti tal-Funderija Artistika Chetcuti ta' Ħal Luqa. Irringrazzja wkoll lis-Sindku s-Sur Frans Debono u lill-Kunsillieri fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Marsa għall-koperazzjoni u l-għajnuna tagħhom fl-organizzazzjoni ta' din iċ-ċerimonja.

Huwa ħabbar li l-Marsa Scouts Pipes & Drums ġew mistiedna biex din is-sena jieħdu sehem u jirrappreżentaw lil Malta fit-tieni l-akbar Tattoo fid-dinja li jsir fil-belt ta' Basel fl-Isvizzera. Waqt li esprima t-tama li t-tifkira tal-mibki George Camilleri tistimulahom biex ikunu tal-akbar ġid għall-komunità, hu rringrazzja lill-President Coleiro Preca għall-preżenza tagħha għax





*ikompli f'paġna 71*



din isservi ta' sostenn għax-xogħol li jwettqu fost it-tfal u ż-żgħażagħ Marsin. Il-GSL Cutajar ippreżentalha għotja ta' flus li huma ġabru f'żewġ attivitajiet li organizzaw b'risq il-Malta Community Chest Fund.

"Tista' tgħid li meta kont issemmi l-Marsa Scouts, ħsiebek mill-ewwel kien imur f'George Camilleri, l-Iscout Master," qalet is-Sinjorina Catherine Bonnici meta tat dettalji mill-profil tal-eks GSL Camilleri.

George Camilleri beda ħidmietu fil-Moviment tal-Iscouts fl-1937 meta daħal fil-Ħamrun Scout Group wara li kien rahom jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù li kienet issir b'pompa kbira mill-parroċċa ta' San Gejtanu tal-Ħamrun. Kien dam għaxar snin f'dan il-Group sakemm fl-1946 ingħaqad mal-Marsa Scout Group wara talba li saritlu mill-GSM Joseph Mizzi billi żewġ Leaders kienu telqu minn Malta bir-riżultat li l-Group seta' jagħlaq minħabba nuqqas ta' Leaders.

L-ewwel ħidma tiegħu kienet biex ħareġ għadd ta' Leaders li wara saru s-sinsla tal-Group. Introduċa wkoll ideat ġodda u ħa bosta inizjattivi. Hu kien jattendi fil-HQ il-ġimgħa kollha u kont tarah dejjem għaddej b'dik id-dixxiplina soda iżda ħanina u eżemplari, b'tali mod li kien iservi ta' ispirazzjoni għall-oħrajn.

Dawn l-abbiltajiet li kien imżejjen bihom George Camilleri intwerew meta f'każ partikulari fl-1953, waqt Kamp tas-sajf, matul il-lejl kien miet l-Iscouter George Camenzuli. Hu mexxa tant b'għaqal li l-ebda tifel fil-Kamp ma nduna b'li kien ġara, inkluż it-tifel tal-mejjet li kien preżenti wkoll.

Każ ieħor kien meta Karmenu Debattista,



*ikompli f'paġna 72*

li kien membru fil-Group, ingħaqad mas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl u fiċ-ċerimonja tal-vestizzjoni hu, bħala GSL, neħħielu l-maktur u l-beritta tal-uniformi tal-Group u minflok tlibbes l-ilbies ta' patri mill-Provinċjal tal-Ordni fil-preżenza tal-Group tal-Iscouts tal-Marsa.

Il-GSL George Camilleri kien ingħata diversi unuri. Fosthom kien jgħożż ħafna n-National Service Flash li ngħatat lilu bħala Scout għas-servizz volontarju tiegħu matul it-Tieni Gwerra Dinjija, fosthom l-għassa li kien jagħmel meta jidħol xi konvoj u jsir il-ħatt tal-merkanzija minn fuq il-vapuri. Għamel żmien jassisti fl-Istitut ta' Fra Diegu li kien iservi bħala xelter fil-Ħamrun. Xogħlu kien li jkun għassa fuq il-bejt tal-istitut u kif jisma' xi *air raid* jagħtihom sinjal permezz ta' suffara.

Fis-sena 1957, flimkien ma' żewġ membri oħra tal-Group, attenda l-Jubilee Jamboree li sar f'Sutton Park f'Londra u sena wara nħatar Group Scout Leader fejn wettaq riforma kbira fil-Group tal-Marsa. Laħħaq Scouters ġodda, waqqaf il-Group Committee, kompla saħħaħ u kabbar il-banda u beda ħidma biex jinstab post akbar bħala HQ, il-post li l-Group għandu llum.



Id-dedikazzjoni, l-inkuraġġiment u l-ħidma ma taqta' xejn tiegħu taw bosta riżultati tajbin kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna u isem il-Marsa Scout Group kompla jissaħħaħ. Dan wassal biex fl-1964, fuq stedina tal-Ministeru tat-Turiżmu, il-banda, taħt it-treġija ta' George Camilleri li kien ukoll Drum Major, marret Agrigento fi Sqallija fejn ħadet sehem fil-Youth Band Festival u spiċċat fit-tielet post.

Tista' tgħid li kważi kull familja fil-Marsa kellha xi membru fil-Marsa Scout Group tant li għaddew minn taħt idejh aktar minn 2,000 tifel u żagħżugħ. Barra minn hekk, għalkemm il-Moviment tal-Iscouts mhux xi organizzazzjoni reliġjuża, il-GSL George dejjem insista li l-Group jieħu sehem f'attivitajiet reliġjużi, fosthom fil-Korteo Nazzjonali ta' Kristu Re u l-attivitajiet diversi li jsiru miż-żewġ parroċċi tal-Marsa u mill-awtoritajiet ċivili. Intqal kif l-hena tiegħu kien meta San Ġorġ Preca kien imur ikellem lit-tfal u l-membri tal-Group.

Fl-4 ta' Jannar 1998, wara ħamsa u ħamsin sena ta' dedikazzjoni u ħidma bla waqfien fit-tmexxija tal-Group b'total ta' aktar minn sittin sena Scouting, il-GSL George Camilleri rtira, l-aktar għal raġunijiet ta' saħħa. Ried ukoll jagħti ċans lil persuna oħra iżgħar fl-età biex tieħu postu fit-tmexxija tal-Group. Il-Marsa Group ħatru bħala Group Scout Leader Onorarju għal għomru b'rikonoxximent għall-ħidma kbira li huwa wettaq fi ħdan il-Moviment.

Min-naħa tagħha, l-Assoċjazzjoni tal-Iscouts tatu bosta Awards, fosthom The Medal of Merit, The Bar to the Medal of Merit, The Silver Acorn, Long Service Decoration u The Bronze Cross. Il-Kunsill Lokali tal-Marsa tah ukoll l-unur tant prestiġjuż ta' Ġieħ il-Marsa. George Camilleri mar jiltaqa' mal-Mulej nhar l-Erbgħa 8 ta' Frar 2012 fl-għomor ta' 85 sena.

F'diskors li għamlet, il-President tar-Repubblika Marie-Louise Coleiro Preca qalet li ħassitha onorata li kienet mistiedna għal din l-okkażjoni għax m'hemm xejn isbaħ minn meta nċċelebraw il-kontribut ta' persuna li tat ħafna ispirazzjoni. George Camilleri ħalla wirt kbir bit-tagħlim u l-eżempju tajjeb li huwa ta tul ħajtu



kollha. Bil-ħidma tiegħu huwa rawwem fost ħafna tfal u żgħażagħ l-aqwa valuri li jiddistingwuna bħala poplu Malti. Għax filwaqt li l-Moviment tal-Iscouts huwa organizzazzjoni dinjija, l-Iscouts Maltin għandhom dik l-identità u jħaddnu dawk il-valuri li writna mingħand missirijietna u ommijietna, fosthom il-valur li jinteressana minn xulxin.

"Kemm hu sabiħ li nżommu lil George Camilleri bħala eżempju tagħna. Kemm hu sabiħ li niċċelebraw il-ġid kbir li huwa għamel b'tant dedikazzjoni fost it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna biex dawn iħaddnu l-aqwa valuri," qalet il-President tar-Repubblika. Hija spjegat kif dawn il-mijiet ta' tfal li matul il-medda tas-snin kellhom kuntatt miegħu, illum huma kapijiet ta' familji mferrxin ma' kullimkien u li għadhom jimxu fuq l-eżempju tajjeb li tahom George Camilleri u l-valuri li huwa nissel fihom biex jagħmlu l-akbar ġid fost il-komunità li fiha jgħixu u jaħdmu.

Hija esprimiet it-tama tagħha li l-Moviment tal-Iscouts f'pajjiżna jibqa' dik l-entità li tkompli trawwem u ssaħħaħ fit-tfal u ż-żgħażagħ tagħna dawk il-valuri soċjali li tant għandna bżonn biex ngħixu ħajja ta' kwalità, ngħixu f'relazzjoni tajba ma' ħaddieħor u nieħdu ħsieb xulxin. "J'Alla jkollna aktar Leaders li bħal George Camilleri jispiraw lil ħaddieħor biex pajjiżna jibqa' jgħożż il-valuri tajba li missirijietna u ommijietna għaddewna minn ġenerazzjoni għal oħra."

Il-President Coleiro Preca qalet li hija ammiratriċi kbira tal-Iscouts u l-Girl Guides u trid tkun tal-akbar sostenn għalihom għax temmen li dawn għamlu u għadhom jagħmlu ħafna ġid. Hija temmet id-diskors tagħha billi esprimiet it-tama li bħal George Camilleri jkun hemm ħafna aktar u konvinta li hemm oħrajn. "U j'Alla li tibqgħu tiċċelebraw lil dawn il-persuni bħal George Camilleri li ddedikaw ħajjithom għall-oħrajn u kienu tal-akbar eżempju ta' xi jfissru vokazzjoni, dedikazzjoni, passjoni u mħabba lejn dak kollu li huwa tajjeb biex jagħmlu l-ġid b'risq it-tfal u ż-żgħażagħ tal-Marsa u lil hinn," qalet il-President tar-Repubblika.



Fil-preżenza ta' mart George Camilleri s-Sinjura Rosalie u t-tliet uliedhom Jonathan, Doreen u Josef flimkien mal-familji tagħhom, il-President Coleiro Preca kixfet il-monument fost id-daqq ta' fanfarra mill-Corps of Drums tal-Marsa Scout Group u wara żaret il-wirja ta' memorabilja tal-eks GSL George Camilleri u ffirmat ukoll il-ktieb tal-viżitaturi.

